# IL-KARATTRI TAL-FANTASIJA MALTIN

## mill-Ħares għar-Ruħ



Illum il-ġurnata l-Maltin tant għandhom fiex jedhew, li warrbu għalkollox u nsew dak li l-ġenerazzjoni ta' qabilhom kienet għaddiet minnu jew kienet tesperjenza u temmen bl-akbar qawwa. Uħud jirreferu għal ċerti esperjenzi bħala fantasija tal-moħħ, iżda fl-istess waqt jogħxew meta jaraw u jisimgħu b'dak li għarfu jikkultivaw pajjiżi oħra. F'din l-intervista, ma' Ġużi Gatt, folklorista ewlieni se nittrattaw ħwejjeġ li ntesew għalkollox fostna l-Maltin, u kif jgħid hu, jixtieq li jarahom jingħataw il-ħaqq tagħhom kemm għall-folklor nazzjonali kif ukoll biex ma jintesewx għalkollox, qishom qatt ma eżistew.

Minn **CHARLES B. SPITERI**

**Ġużi, taqbel li l-aktar karattru kulturali Malti li baqa' jissemma' fostna hu dak ta' Ġaħan, u l-oħrajn intesew?**

Fostna, Ġaħan spiċċa karattru daqsxejn taż-żuffjett u m'għandux il-ħakma fuq moħħ in-nies li għandhom karattri ta' ġnus oħra. Il-Ħares ukoll spiċċa jagħmel parti mid-dinja tan-nanna Gerit u llum ftit hawn min għadu jagħti kasu. Ħaddieħor għandu l-fairies u l-pixies; lil Superman, u Batman; lil Father Christmas u lil La Befana; lil Pinokkjo, u lil Dracula u lil Frankenstein, u aħna kuntenti nilludu ruħna li dawn il-karattri huma tagħna, meta fil-fatt mhumiex, għax lil tagħna nagħtuh bis-sieq.

**Semmejt il-Ħares: kif għandna nħarsu lejh? Bħala xi ħaġa li twerwirna?**

Il-Ħares hi kelma li tfisser "gwardjan/għassies" – xi ħadd li qed iħares xi mkien jew xi ħaġa (mhux veru li ġejja mill-kelma Latina Lares, iżda minn għerq ta' verb Malti, bħal meta ngħidu "Alla jħarisna" jew "Alla ħares"). Mela l-Ħares hu għassies u hu differenti minn Ruħ jew Fatat; u l-istejjer tal-Ħares li nafu bihom, u li huma tassew stejjer tal-Ħares u mhux stejjer tal-erwieħ, juruk li l-Ħares hu persunaġġ differenti minn ruħ jew fatat.

**Jiġifieri meta fl-antik kienu jbeżżgħu lit-tfal, biex l-aktar kienu jagħmlu dan? Liema kienu l-karattri l-oħra li tista' tgħid intnesew?**

Għandna l-kelma 'Għafrit', li dari kienet komuni ħafna u llum qed tintnesa. L-'Għul' diġà ntnesa, iżda dari kien magħruf ħafna, kemm hu u kemm in-'Nanna Għula'.

Il-Ħares, l-Għafrit, il-Għul, l-Ors tal-Gandlora, it-Tork tat-Taraġ, il-Waħx, ir-Ruħ, il-Fatat, il-Belliegħa, il-Ġganti, il-Gawgaw, is-Serp tas-Seba' Rjus, ir-Raġel tat-Tiben u l-Mingħul u l-Mniegħel - f'dawn l-aħħar snin qed isiru sforzi biex forsi jirnexxielna naħtfu lil dawn il-karattri minn xifer l-abbiss tal-estinzjoni, u minflok jintilfu għal dejjem, jitlibbsu libsa ġdida li tgħodd għal żmienna. Nagħmluha ċara li aħna ma nemmnux bil-Ħares u bl-Għefieret, iżda nafu li dawn huma wirt kulturali tagħna wkoll, u m'għandhomx jintremew.

**Għadna nsibu xi tagħrif fuq dawn il-karattri?**

Fis-sena 2002, Anton F. Attard, Alla jaħfirlu, folklorista Għawdxi li ħadem ħafna b'risq l-ilsien Malti, ħareġ il-ktieb *Mid-Dinja tas-Seħer u l-Folklor*. Fil-ktieb hemm ġabra ta' tagħrif siewi ferm, u fih deskrizzjoni qasira ta' mhux inqas minn 78 karattru tal-fantasija, oġġetti tas-seħer, u mkejjen tal-għaġeb li jeżistu biss fil-ħrejjef Maltin. Kien dan il-ktieb, fost l-oħrajn, li liehem lili u lil Mikiel Galea biex nibdew noħorġu dawk li sejjaħnielhom *Il-Komiks tas-Sikkina*, u nistgħu ngħidu wkoll li kien hu li liehem lil Stephan D. Mifsud biex joħroġ il-ktieb tiegħu. Fil-ktieb ta' Anton F. Attard sar sforz żgħir biex titpinġa s-sura ta' xi karattri, iżda nħossu li l-isforz li sar ma kienx biżżejjed.

**Il-ktieb ta' Stephan D. Mifsud x'kien jittratta u meta ħareġ?**

Kien jismu *The Maltese Bestiary*, u ħareġ fl-2014. Fih ġabar il-karattri kollha ta' qabel, u kompla żied magħhom. Il-ktieb inħataf għax fil-fatt mela vojt kbir fil-qasam kulturali ta' pajjiżna. Din id-darba, it-tpinġijiet fil-ktieb kienu ferm aħjar. Bejn Ottubru u Novembru tal-2016, l-artist Joseph Bugeja għamel il-wirja 'Hotel Babaw' fil-Belt Valletta u kellu rappreżentazzjoni ta' ħafna karattri tal-fantasija Maltin.

**Kif saru t-tpinġijiet jekk ma nafux lil dawn il-karattri?**

Kien ippruvat għall-ewwel darba, li lil dawn il-karattri tingħatalhom l-ikonografija tagħhom stabbilita fuq bażi soda. Billi aħna nħossu li din l-ikonografija s'issa ma teżistix, u billi l-letteratura Maltija u l-folklor Malti mhux dejjem jgħinuna b'deskrizzjonijiet ċari tad-dehra u s-sura ta' dawn il-karattri Maltin tal-fantasija, kellna bilfors nieħdu ħafna liċenzja artistika, u nippruvaw nimlew il-vojt li jeżisti billi nfittxu u noħolqu minn żniedna biex insibu mod kif inpinġu lil dawn il-ħlejjaq. Qgħadna ħafna fuq l-istħajjil, iżda fittixna dejjem li nibnu fuq dak li hu magħruf, u dak li hu tagħna, megħjuna mit-trobbija 'Maltija' li kellna fi tfulitna. It-tama tagħna hi li din l-ikonografija li qed noħolqu aħna, tiġi aċċettata mill-Maltin, u jibda jkollna mod ta' kif inpinġu lill-Ħares, lill-Gawgaw, lill-Belliegħa u l-bqija tal-karattri li għandna, ħalli ngħadduhom lil uliedna.

**Ġużi, kemm tħoss li l-illustrazzjonijiet fihom impatt f'pubblikazzjoni?**

Fil-qasam tal-kitba tal-fantasija, l-istampi huma indispensabbli. Biex nieħdu eżempju: tista' int timmaġina l-ktieb *Alice in Wonderland* mingħajr dawk l-illustrazzjonijiet sublimi ta' John Tenniel? Impossibbli. Jgħidu li Tenniel kellu struzzjonijiet preċiżi mingħand l-awtur tal-ktieb (Charles Dodgson li mbagħad ħa l-isem ta' Lewis Carol) dwar x'għandu jpinġi, u jingħad li Dodgson kważi ġennu lil Tenniel bil-fittaġni u bl-insistenza tiegħu.

Personalment nista' nifhem il-fittaġni ta' Charles Dodgson għax jien ukoll kelli ħafna problemi ma' artisti li ma tawnix dak li xtaqt. Dendilt il-geddum u sewwidt qalbi meta deher li s-soċjetà Maltija ma kellhiex fiha t-talent li tagħtini dak li ħassejt li hu meħtieġ.

"Personalment nista' nifhem il-fittaġni ta' Charles Dodgson għax jien ukoll kelli ħafna problemi ma' artisti li ma tawnix dak li xtaqt. Dendilt il-geddum u sewwidt qalbi meta deher li s-soċjetà Maltija ma kellhiex fiha t-talent li tagħtini dak li ħassejt li hu meħtieġ

**Allura kif wasalt għall-illustrazzjonijiet tiegħek?**

B'xorti tajba, għamilt kuntatt ma' John Spiteri Gingell u ma' Richard Bartolo. Bartolo hu membru tal-Malta Modelling Society, u jagħmel statwetti żgħar ta' fost l-oħrajn, suldati tal-epoka u karattri mitoloġiċi. Dan ħa paċenzja bl-istruzzjonijiet tiegħi u tani xogħol aċċettabbli ferm.





> “Kienet tgħidhomli ommi, Alla jaħfrilha, u kienet temminhom bla ma qatt kien jgħaddilha minn rasha li setgħu ma kinux minnhom

L-istatwetti ta' Bartolo mbagħad għaddew għand Spiteri Gingell, li ħa ritratti minn kull angolu tagħhom u bil-maġija tiegħu, bidel ix-xbihat bil-mezzi li tipprovdi l-Informazzjoni Teknoloġika ta' żmienna. Iżda b'xorti ħażina, ir-ritratti tal-istatwetti mhux dejjem irnexxew. Mhux kollha kellhom dik is-saħħa u l-attrazzjoni fiżika li biha setgħet tinħabb u titħaddan mill-pubbliku tagħna llum.

**Mela allura kellek issib lil ħaddieħor biex jgħinek?**

B'xorti tajba ltqajt mal-artist grafiku Eric Leone u, bejn billi qara l-kitba tiegħi fuq kull karattru, bejn billi ra l-istatwetti li kienu diġà saru, bejn bl-ispjegazzjonijiet tiegħi wiċċ imb wiċċ, iżda l-aktar b'ħafna sabar u rieda tajba min-naħa tiegħu, wasalna fi stat li nistgħu noħorġu fil-pubbliku dan it-tagħrif u din l-ikonografija. Ħabib indispensabbli f'din il-biċċa xogħol kien Mikiel Galea, li kien jimxi pass pass miegħi sa mill-bidu nett.

Tajjeb li nerġa' ngħid li t-tama tagħna hi li dawn l-istampi, jiġifieri l-ikonografija li qed nippruvaw noħolqu, jiġu aċċettati mill-poplu Malti, u li l-għalliema u l-kittieba jużawhom u jinvestu t-talenti tagħhom fihom biex il-fenomenu jikber u tkompli tistagħna l-kultura Maltija. Nittamaw li tal-anqas il-kitba tiegħem lil ħaddieħor jagħmel xi ħaġa aħjar milli għamilna aħna. Nixtiequ li, x'aktarx għall-ewwel darba fil-kultura tagħna, nagħtu d-dettalji li hemm bżonn, biex ħafna mill-karattri tal-fantasija moħbija fis-subkonxju tagħna jingħataw sura li tingħaraf.

**Liema hu l-ewwel karattru li tixtiequ ssalvaw?**

Bla dubju hu l-'Ħares'. Il-Ħares mhux l-istess ħaġa bħal 'Ruħ'. Diġà għidna li mhux minnu li l-kelma Ħares ġejja mil-Latin Lares. 'Ħares' tfisser 'gwardjan'. xi ħadd li qed 'iħares', jiġifieri jipproteġi xi mkien jew xi ħaġa. U hu preċiż dan li jagħmel il-Ħares fl-'istejjer tal-Ħares': Int tidħol f'dar u ssib li l-Ħares diġà qiegħed hemm; diġà daħal fiha qablek. Dan jew għandu pjaċir bik, jew m'għandux. Jekk għandu pjaċir bik, ħafna drabi jagħtik imqar il-flus. Il-Ħares kien magħruf li kellu ħafna flus, u kien iżommhom dejjem f'muniti tad-deheb. Iżda jekk jagħtik xi ħaġa, il-Ħares kien jagħmillek ħafna kundizzjonijiet. U jekk m'għandux pjaċir bik, ħoll xagħrek u ġib iż-żejt.

**Ġużi, qabel inkomplu, x'kienet ir-raġuni li int affaxxinat daqshekk f'dan il-qasam?**

Dawn l-istejjer trabbejt nismagħhom minn tfuliti. Kienet tgħidhomli ommi, Alla jaħfrilha, u kienet temminhom bla ma qatt kien jgħaddilha minn rasha li setgħu ma kinux minnhom. Innies imdaħħlin f'dawn l-istejjer, kienet issemmihomlok bil-laqam, u tgħidlek ukoll fejn kienu joqogħdu. Ngħidu aħna lil wieħed jgħidulu l-'Labak', li kien joqgħod qrib ħafna ta' Karmnu l-Barbier, iż-Żejtun, il-Ħares kien fawru bil-flus, iżda qallu: "Jekk tiekol biċċa ġobon noqtlok!" U hekk kien, għax kiel il-ġobon u miet!

Jew inkella lill-Farruwwa kien ukoll taha ħafna flus, iżda qalilha: "Titkellem ma' ħadd". Tkellmet, u l-flus sarulha qxur tal-bebbux. Imbagħad omm Lonzu tal-baqar kienet daħlet f'dar u l-Ħares qalilha: "Jekk ma toħroġx, joħorġuk erbgħa!" U bil-qatgħa li ħadet mietet u ħarġet mid-dar imkeffna f'tebut merfugħ minn erba' reffiegħa!

**Iżda l-Ħares kellu sura? Kien jidher?**

Minbarra li kien ikrah, ftit li xejn nafu. Nafu li hu raġel. Lill-mara tiegħu jgħidulha l-'Ħaddiela'. Nafu li kellu erbat iswaba' u mhux ħamsa. Ma kellux behem (thumb), allura ma setax, ngħidu aħna, jifgak; u ma setax jagħfas il-grillu u jispara xkubetta. Iżda xorta kien kapaċi jagħtik xebgħa tajba.

Ngħidu aħna lil Flora, oħt Ninu ta' Menzju, il-Ħares kien taha xebgħa u baqgħet b'ħalqha mgħawweġ u wiċċha mfattar għomorha kollu! Nafu wkoll li l-Ħares seta' jieħu s-sura ta' kelb iswed u ikrah; jew qattus kbir, iswed ukoll; jew anke sura ta' serp iswed.

Meta tħares lejn sieq ta' kelb jew ta' qattus u tifliha sewwa, issib li l-erbat iswaba' u l-erba' dwiefer ta' quddiem jidhru ferm iktar u huma ikbar mill-ħames wieħed. Il-ħames subgħa, il-behem, qiegħed hemm ukoll, iżda jkun moħbi fuq wara jew fil-ġenb tas-sieq; żgħir u kważi bla użu.

Il-Ħares ukoll għandu erbat iswaba', u billi kemm-il darba rawh f'sura ta' kelb, iżda rawh ukoll f'sura ta' bniedem, ħsibna li nagħtu lill-Ħares wiċċ b'fattizzi ta' annimali li jiġu minn qabil il-kelb. It-tifsila ta' ġismu għamilnieha tixbah lil dik tal-bniedem, iżda saqajh u idejh bħal tal-klieb. Lill-Ħares ġieli rawh liebes ta' Tork, iżda l-Maltin kienu jsejħu 'Torok' lil ħafna nies li fil-fatt ma kinux Torok.

**Meta ġejtu biex tagħtu lbies, xi ngħażel?**

Billi xtaqna nħallu l-libsa ta' Tork biss għat-Tork tat-Taraġ, lill-Ħares tajnieh kabozza – bħal kowt tradizzjonali Malti, bil-barnuża fir-ras, li jixbah ferm lill-ilbies li jintlibes fil-Magħreb. Importanti li kull karattru jkollu s-simbolu tiegħu, simbolu li minnu jingħaraf minn karattri oħra. Is-simbolu tal-Ħares hu xkora mimlija liri tad-deheb. Jista' jkun hemm ukoll serp.

**X'differenza hemm bejn Ħares u Ruħ?**

Fl-istejjer fejn jissemmew id-deħriet tal-erwieħ, dejjem jidhlu nies li tkun saritilhom xi inġustizzja u f'mewthom baqgħu ma sabux mistrieħ. Ngħidu aħna; xi mara tinqatel kiesaħ u biered minn raġel li qabel ikun abbuża minnha, difinha u kaħħalha ġo xi ħajt. Jew xi raġel ikun ħalla fit-testment xi kemxa flus biex biha jitħallas il-quddies li kellu jsir b'suffraġju għal ruħu u dawn il-flus jittieħdu u jintużaw għal skop ieħor. Jew xi ħadd jiġi mixli fil-Qorti, ikkundannat għall-mewt, u mgħallaq bla ħtija. Fl-immaġinazzjoni tal-poplu, dawn kollha jibqgħu jfittxu l-ġustizzja u jibqgħu jidhru u jwerwru lin-nies. Iżda dawn għandhom jissejħu 'erwieħ' mhux 'iħirsa'.

Nifhmu li l-kelma 'Ruħ' għandha tifsira wiesgħa ħafna u tidħol f'aktar minn qasam wieħed. Allura ma naraw xejn ħażin jekk lil dawk l-erwieħ li baqgħu jidhru u jdejqu lin-nies insejħulhom 'Fatati'. Din hi kelma oħra li fi lsienna qed tiġi żvalutata u qed tibki biex tingħata tifsira aktar fissa. L-iħirsa huma dawk il-ħlejjaq tal-fantasija li jidhlu fi djar vojta, u lil dawk l-imsejkna li jmorru joqogħdu fihom, jew jagħtuhom il-flus tad-deheb, jew jagħtuhom qatgħa jew xebgħa kbira, dejjem skont kif jiftlilhom. L-iħirsa jistgħu jkunu wkoll f'xi għar mudlam, jew bini mwaqqa' u diżabitat, l-aktar jekk ikunu jafu li hemm xi teżor moħbi. Il-fatati, mill-banda l-oħra, huma l-erwieħ ta' nies li mietu u baqgħu jidhru, għax baqgħu ma sabux mistrieħ. Il-kelma 'Spettru' u 'Fantażma' wkoll ifissru Fatat.

*(Jitkompla)*